MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1350/2000/1

**A**

**vs**

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati nominati b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Awissu 2000 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Gunju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fid-28 ta' Gunju 1997 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi ttiehed bi pressjoni socjali, familjari u biza';

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja illi ghamilitha mpossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut illi gew mohbija lill-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet;

Illi l-istess attrici talbet li dan l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet fid-29 ta' Gunju 1997 huwa null u bla ebda effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat ir-rikors ta' A, datat 28 ta' Gunju 2000, fejn talbet umilment lil dina l-Onorabbli Qorti biex tappunta kuraturi deputati halli jirraprezentaw lill-istess assenti konvenut fl-atti tal-kawza.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 2 ta' Awissu 2000, fejn gew nominati Dr. Leslie Cuschieri u l-PL Hilda Ellul Mercer, bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri u l-PL Hilda Ellul Mercer, datata 11 ta' Dicembru 2000, a fol 15, fejn eccipew bir-rispett:-

1. Illi ghalkemm huma gew nominati b'digriet tat-2 ta' Awissu 2000 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti B, huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz;

2. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti noe, datata 11 ta' Dicembru 2000, a fol 15 tal-process.

Rat il-verbal datat 7 ta' Frar 2001, fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici assocja ruhu fil-patrocinju tal-attrici u ta ruhhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh. Il-Qorti nominat lil Dr. Tanya Sammut biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attrici datata 20 ta' April 2001, a fol 17, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha u ta' Catherine Farrugia.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta' Mejju 2001, a fol 25, permezz taghha esebit l-affidavit ta' Denise Borg u ta' Carmel Farrugia.

Rat il-verbal datat 18 ta' Gunju 2001, fejn Dr. Illona Blackman assocjat ruhha fil-patrocinju tal-attrici. Il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru u kien hemm seduta fil-5 ta' Lulju 2001.

Rat ir-rikors ta' A, datat 12 ta' Lulju 2001, a fol 32, fejn talbet umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tawtorizza lil lix-xhieda medici jixhdu quddiem il-Perit Legali, u biex jigu ezentati mis-sigriet professjonali fl-assenza tal-konvenut u dana salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 13 ta' Novembru 2001, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal datat 26 ta' Novembru 2001, fejn b'referenza ghar-rikors tal-attrici tat-12 ta' Lulju 2001, il-Qorti laqghet it-talba b'dan illi x-xhieda mitluba ghandha tkun accessibli biss ghall-partijiet u d-difensuri taghha u l-Perit Legali ghandha tiftah spoll separat fl-atti ta' din il-kawza fejn ghandha tinzamm din ix-xhieda.

Rat ir-rikors ta' A datat 21 ta' Mejju 2002, fejn talbet umilment lil dina l-Onorabbli Qorti biex tawtorizzaha tharrek lil Dr. Leslie Cuschieri bhala xhud taghha u dan salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 22 ta' Mejju 2002, a fol 37, fejn giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Dottor Leslie Cuschieri, datata 30 ta' Mejju 2002, a fol 38.

Rat il-verbal tas-seduta datata 24 ta' Ottubru 2002, fejn din il-Qorti kif attwalment presjeduta hadhet konjizzjoni tal-kawza u fejn ordnat lil Perit Legali biex tiffissa 4 seduti ghall-provi kollha li fadal tal-partijiet, u wara l-istess seduti l-provi tal-partijiet huma dikjarati maghluqa.

Rat ir-rikors ta' A datat 24 ta' Mejju 2003, a fol 47, fejn talbet umilment lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lil Perit Legali tiffissa zewgt seduti ohra ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici u dan salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Marzu 2003, a fol 48, fejn il-Qorti laqghat it-talba kif dedotta b'dan li tali seduti jkunu l-ahhar seduti ghall-provi kollha attrici, u x-xhieda ghandhom jigu debitament mharrka, u ssir talba ghall-skorta jekk tali talba hija applikabbli ghall-kaz.

Rat il-verbal tas-seduta datat 9 ta' April 2003, fejn il-Qorti rreferit lil Perit Legali ghad-digriet taghha tal-25 ta' Marzu 2003, filwaqt li konfermat l-istess. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b'terminu ta' 30 gurnata mill-ahhar seduta attrici. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex tifissa zewg seduti wara t-terminu hekk moghti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat il-verbal datat 1 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat lil Perit Legali biex tiffissa zewg seduti ghall-provi tal-

konvenut sal-ahhar ta' Ottubru 2003 u biex wara tghaddi ghar-relazzjoni.

Rat il-verbal datat 22 ta' Jannar 2004, fejn Dr. Ilona Debono ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li r-rapport jinsab redatt.
Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Tanya Sammut, datat 15 ta' Jannar 2004, minn fol 67 sa fol 154 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Tanya Sammut minn fol 155 sa fol 206.

Rat il-verbal datat 11 ta' Marzu 2004, fejn Dr. Paul Micallef Grimaud informa lil Qorti li l-kuratur deputati jirrimettu ruhhom ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI

Illi permezz ta' affidavit **l-attrici** tixhed illi hija kienet iltaqghet mal-konvenut gewwa bar u kienet gietipprezentata lilu minn habib komuni. Dak iz-zmien, il-konvenut kien ghadu kemm hassar minn relazzjoni serja u kien anke' ser jizzewweg. L-attrici tghid ukoll illi mill-ewwel gurnata l-konvenut xtaq relazzjoni serja.

Illi l-attrici xehdet illi hija disa' snin izghar mill-konvenut u tghid li hija ma' kellhiex bizzejjed esperjenza fil-hajja biex tirrejalizza certu affarijiet *stante* l-fatt illi hija kellha biss sbatax-il (17) sena meta bdiet tohrog mieghu. Hija tispjega illi kienet *"qisha ghamja fuqu".* Huwa dak iz-zmien kien diga' jghallem filwaqt illi hija kienet ghada tistudja. L-attrici tiddeskrivi lill-konvenut waqt l-eghrusija bhala bniedem *"bil-ghaqal, ma' kellux hbieb u intelligenti."*

Illi l-attrici tghid ukoll li l-konvenut kien jikkontrolla hajjitha u filwaqt illi kien jheggigha sabiex kull sold li kienet taqla' tfaddlu sabiex jkunu jistghu jizzewwgu minn naha l-ohra kien jgorr maghha li ma' zzommx ruhha mal-moda. Hija tkompli tghid illi l-konvenut kien sa' mill-bidu tal-eghrusija taghhom jghid kontra l-genituri tieghu u llum tirrealizza illi l-konvenut ried jizzewweg sabiex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu.

Illi l-agir tal-konvenut ma' kienx wiehed stabbli u sa minn qabel l-eghrusija l-attrici kienet tinnota *personality disorder* fil-konvenut pero' ma' kinitx tat kaz tal-problema u tal-*panic attacks* li kien jkollu ghaliex ma' kinitx irrealizzat bil-gravita' tas-sitwazzzjoni li rrivelat ruhha wara z-zwieg. Hija qatt ma' hasbet illi dan l-agir kien ser jwassal lill-konvenut biex wara z-zwieg jkun vjolenti maghha.

Illi hija tixhed ukoll li wara li kienu iffissaw id-data tat-tieg u kienu lestew il-preparamenti kollha tat-tieg, l-konvenut kien semmielha il-fatt illi *"kien qed jiehu xi tip ta' kalmanti"* u li kien mar ghand il-psikjatra Dr. Abraham Galea filwaqt li wara z-zwieg huwa semma' illi kien jmur jaghmel *hypnosis sessions* regolarment pero' ma' kienx specifika ghaliex u x'kien ntqal f'dawn is-seduti. Hija infatti harrket lil **Edmund Mugliett,** *registered practitioner* bhala *hypoanalyst* mal-*International Association of Hynoanalysts* tal-Ingilterra illi ikkonferma illi kien gharaf lill-konvenut minn ritratt illi gie muri lilu *seduta stante* pero' ma' kienx f'posizzjoni illi jiftakar dak illi kien intqal waqt dawn is-seduti ghaliex ma' jzommx *records* tal-pazjenti tieghu.

Illi ftit wara z-zwieg, il-konvenut biddel ix-xoghol tieghu minn ghalliem ghal *programmer* u beda jsiefer hafna drabi fuq xoghol u kien anke' biddel il-kumpanija ma' min kien jahdem u spicca jsiefer lejn l-*Isle of Man* fejn hemmhekk beda relazzjoni ma' mara ohra fi zmien inqas minn sena taz-zwieg.

Illi huwa sussegwentement telaq minn Malta fuq xoghol pero' ma' regax gie lura Malta u spicca applika ghad-

divorzju gewwa l-*Isle of Man*, izzewweg u kellu tewmien u minn informazzjoni illi ghandha l-attrici, il-konvenut telaq ukoll lil dina l-mara u t-tfal u telaq mill-*Isle of Man* u mar jghix New Zealand.

Illi omm l-attrici, **Catherine Farrugia**, tixhed permezz ta' affidavit u tghid illi hija rat lil B jinbidel kompletament minn waqt l-eghrusija ghal wara z-zwieg. Filwaqt illi qabel iz-zwieg kien jidher mimli valuri u kien jghid illi huwa bl-ebda mod ma' kien ser jbiddel ix-xoghol tieghu ta' ghalliem spicca biex ftit wara z-zwieg huwa beda jahdem bhala *programmer*. Filwaqt illi qabel iz-zwieg huwa kien jaghti impressjoni ta' guvni *"biezel"* u bil-*"ghaqal"* u kienet tarah bhala guvni perfett ghal bintha u kienet ghamlet pressjoni sabiex l-attrici tizzewgu, wara z-zwieg huwa beda jerfa' jdejh fuq l-attrici u anke' qal illi z-zwieg kien biss *"a piece of paper"* u li hawn Malta ma' kellux *commitments*. Hija tixhed ukoll illi bintha kienet qaltilha illi sahansitra waqt argument f'okkazzjoni minnhom huwa qalilha illi jixtieq jaraha mejta u li l-ghada kien apologizza qisu ma' kien gara xejn. Hija tirreferi ghal incident iehor illi sehh gewwa darha stess fejn waqt argument illi kellhom, il-konvenut refa' jdejh fuq A u beda jghajjarha u ftit wara rega' gie lura d-dar qisu ma' gara xejn u meta x-xhud staqsietu 'l ghaliex kien agixxa b'dak il-mod, huwa wegibha *"halliha forsi tikber ghax hekk titghallem dik".*

Illi x-xhud tghid ukoll illi l-konvenut kien bhal donnu akkwista l-liberta biz-zwieg u kien *"qisu hareg minn gol-qoxra"* peress illi sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien jgerger ta' spiss kontra d-dixipplina u l-agir negattiv tal-genituri fil-konfront tieghu. Huwa kien jghaggel lill-attrici sabiex jizzewgu u ma' riedx jistenna izjed *nonostante* l-fatt illi d-dar ma' kinitx ghadha lesta mill-affarijiet essenzjali u tghid *"kien mejjet biex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu."* Hija tghid illi qabel iz-zwieg, l-konvenut kien sar qisu parti minn tal-familja u kien jqatta hafna hin maghhom pero' ftit wara z-zwieg, l-attitudni tieghu nbidlet u ma' kienx jkun jrid lil A tmur izzurhom.

Illi missier l-attrici **Carmel Farrugia** permezz ta' affidavit jixhed illi waqt l-eghrusija haga li kienet iddejqu hafna kien

il-fatt illi jekk A kienet tittardja xi ftit, B kien jinnervja hafna u jibda jdoqq il-horn b'mod persistenti u allavolja kienet tghidlu biex ma' jibqax jagixxi b'dak il-mod, il-konvenut xorta wahda kien jibqa' jaghmel hekk. Huwa jzid jghid illi l-konvenut kellu vizzju jaqla' argumenti kbar fuq affarijiet ta' importanza zghira u kien hemm mumenti fejn kien anke' raha lil B jsir aggressiv. Waqt iz-zwieg, kien hemm okkazjonijiet fejn sema' lill-konvenut jghajjar lill-attrici bi kliem bhal *"qisek mejta, iccaqqlaq."*

Illi l-kugina tal-attrici, **Denise Borg,** permezz ta' affidavit tixhed illi waqt iz-zwieg, l-attrici kienet tiftah qalbha ta' spiss maghha dwar il-problemi matrimonjali b'rizultat tal-karattru tal-konvenut. Ix-xhud tghid ukoll illi A kienet qaltilha illi B kien qed jiehu xi medikazzjoni waqt iz-zwieg. Hija xehdet ukoll dwar il-kwistjoni tat-tfal u cjoe' illi filwaqt illi l-attrici xtaqet illi jghaddi ftit taz-zmien hekk kif kienu ftehmu, l-konvenut xtaq mill-ewwel taz-zwieg illi jkollhom it-tfal. Fl-affidavit taghha issemmi ukoll illi l-konvenut kien iffissa illi jmur jahdem barra minn Malta u din il-haga kienet qed tinkwietha lill-attrici. Hija tirreferi ghall-okkazzjoni minnhom fejn kienet baqghet mistaghgba bil-komportament tal-konvenut meta f'mument minnhom jithassar lill-attrici u f'mumenti ohra jghajjarha: *"filli jghidli ghax A miskina u filli jghidli li jien miskin; filli jghid li ma' jhobbix; filli jghajjat, filli jidhaq….jiena ghalija kont narah skizofreniku, kien jinbidel f'daqqa…kien jifferocja …….u mbaghad jikkalma u jinsa li kien qal……kien jippanikja hafna. "*

Illi missier l-konvenut, **Carmel Cachia**, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2003, jikkonferma illi l-kaligrafija tad-djarju u tal-ittra (Dokumenti "A 3" u "A 4") esebiti mill-attrici kienet tappartjeni lill-ibnu B. Pero' huwa jichad illi B qatt mar ghand xi psikjatra qabel iz-zwieg u li qatt ra xi pilloli fid-dar. Huwa jixhed dwar il-problemi illi kien jsemmi l-konvenut, u cjoe' illi l-attrici kienet tqatta' hin twil fuq il-post tax-xoghol u li B xtaq it-tfal mill-ewwel filwaqt illi A xtaqet tistenna. Ix-xhud fl-ebda mument ma' jsemmi l-problemi familjari illi l-konvenut tant jaghmel referenza ghalihom fid-djarju tieghu anzi ghall-kuntrajru jghid: *"B ma' kontx narah imdejjaq id-dar, ma' kellux nuqqas ta' liberta u kien*

*jaghmel li jrid, ma' kellux sikkaturi minn naha taghna…. Qatt ma' kien hemm glied fil-familja hlief argumenti zghar."*

Illi l-istess xhud jixhed illi l-konvenut qabel iz-zwieg gieli semma illi ried jmur jghix l-Amerika pero' hadd ma' kien hadu bis-serjeta'. Huwa jikkonferma ukoll il-fatt illi waqt l-eghrusija B kien jqatta' aktar hin fid-dar tal-genituri tal-attrici milli id-dar tieghu. Huwa jixhed illi kienet A illi infurmat lilu u lill-martu dwar il-problemi matrimonjali u x'kien qieghed jaghmel b'hajtu B u din il-haga tikkorrabora dak illi jissemma fid-djarju ezebit illi komunikazzjoni bejn il-konvenut u l-genituri tieghu ma' kienx hemm u li B ma' kien jurihom xejn dwar hajtu anzi ghall-kuntrarju kien jeskludihom.

Illi zewgt ihbieb tal-konvenut, Dr. Ivan Sammut u Dr. Leslie Cuschieri gew prodotti mill-attrici sabiex jixhdu. **Dr. Ivan Sammut** fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2001 jixhed hekk: *"niftakar illi l-attitudni tal-konvenut meta konna nohorgu flimkien bhala hbieb, kien pjutost aggressiv meta kien javvicina t-tfajliet biex jsir jafhom……niftakar illi qabel ma' konna nohorgu, il-konvenut u xi hbieb ohra kienu jgibu flixkun inbid maghhom u kienu jkunu diga' qabel ma' hargu kwazi fis-sakra."* **Dr. Leslie Cuschieri** fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2002 jikkonferma li l-attitudni tal-konvenut meta javvicina tfajla kien jaghti l-impressjoni li kien guvni li ma' jisthi minn xejn pero' jghid ukoll illi *"kien jaghtini l-impressjoni li kien jippressa lil dak li jkun biex tkompli mieghu."* Huwa ukoll jirreferi ghal fatt illi qabel ma' kien johrog, il-konvenut kellu vizzju jixrob l-alkohol u fl-opinjoni tieghu dan kien jaghmlu sabiex *"jghin lilu nnifsu jaghmel kuragg jitkellem aktar."* Minn dawn iz-zewg xhieda hareg bic-car kemm l-konvenut kien bniedem illi kellu *low self esteem* tieghu innifsu u li kellu problema biex jikkomunika ma' haddiehor.

Illi **Dr. Leslie Cuschieri** jixhed *in oltre* illi meta l-konvenut beda johrog mal-attrici, huwa ma' baqax f'kuntatt mal-grupp infatti lanqas kien jaf illi eventwalment kienu izzewgu. Ix-xhud jghid illi l-konvenut kien jtih l-impressjoni illi *"kien eager sabiex jizzewweg."*

Illi **Silvia Ebejer**, *Principal tal-Medical Records* gewwa l-Isptar San Luqa fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2003, ikkonfermat illi l-konvenut kien jattendi l-*Psychiatric Out Patients Clinic* bejn is-7 ta' Marzu 1996 u l-14 ta' Mejju 1998 pero' xehdet ukoll illi huwa qatt ma' kien pazjent fl-Isptar Monte Carmeli. Jinghad ukoll illi **Saviour Bartolo**, *Manager Customer Care* tal-Isptar San Luqa fis-seduta tal-24 ta' Frar 2003, jixhed illi mill-file tal-Isptar San Luqa rrizulta ukoll illi l-konvenut fis-7 ta' Awissu 1989 kien gie riferut l-Isptar li jbati minn ansjeta'.

Illi **Dr. Joseph Saliba**, Direttur tal-Psikjatrija gewwa l-Isptar Monte Carmeli u l-*Psychiatric Unit* fl-Isptar San Luqa fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2003, jispjega r-*records* medici tal-konvenut li gew ezebiti minn Silvia Ebejer u jixhed illi fis-6 ta' Marzu 1996, B kien gie *diagnosed* li jbati minn *"Anxiety Depressive State"* u cjoe' l-pazjent jkollu biza', jxoqq l-gharaq ghalih, jkollu palpitazzjonijiet f'qalbu, ma' jkunx jista' jikkontrolla lilu nnifsu b'rizultat ta' tali biza'.

Illi l-istess Psikjatra jghid ukoll illi l-konvenut kien mar ghandu privatament fit-8 ta' Mejju 1998 u sabu illi kien qieghed jbati minn *severe chronic incapacitating anxiety*: *"kien jidher bniedem anzjuz…good rapport, worrier, anxious and intense person."* Il-konvenut kien qallu illi kien induna illi jbati mill-ansjeta' meta kellu sittax-il sena u dak iz-zmien kien jmur ghand il-Psikjatra Abraham Galea.

Illi **Id-djajru** esebiet mill-attrici fis-seduta tad-19 ta' April 2001 li gie immarkat bhala Dok. "A 3", li l-kaligrafija tieghu giet mgharfa li tappartjeni lill-konvenut minn missieru stess, u li jkopri bejn Settembru 1996 u Jannar 1997, jikkorabora ix-xhieda moghtija mill-attrici u mix-xhieda prodotti minnha *stante* l-fatt illi jekk wiehed jaqrah kollu fid-dettal jkun jista' jiehu hjiel tal-istat mentali tal-konvenut f'dak iz-zmien tal-eghrusija. Jinghad illi f'dan id-djarju jissemmew partikolarment il-familja tieghu, ossija l-genituri tal-konvenut u kif ukoll l-attrici u l-familjari taghha. Il-konvenut donnu jaghmel kuntrast bejn il-familji rispettivi tal-partijiet u filwaqt illi dejjem juza kliem dispreggattiv fil-konfront tal-genituri tieghu u juza kliem iebes fil-konfront

taghhom huwa jfahhar kontinwament lill-genituri tal-attrici u l-ambjent familjari seren taghhom.

Illi f'dan id-djarju insibu s-segwenti siltiet illi jaghtu stampa cara tal-ambjent familjari tal-konvenut u tal-frustrazzjoni illi kellu fid-dar tal-genituri tieghu. Huwa qed jipprova jifhem kif svolga l-karattru tieghu u l-ansjeta' kbira tieghu:

*"My father does not want me better than he is; My family is sick but I am not!; I am convinced more about my parents' poor mind;I hate home, I prefer being alone, my father I call l'annimal; He (missieru) does not talk and when he does he is worse than an old man; He argues with the slightest thing; My mother treats me like a kid; she cooks horribly; I cannot stand being at home; whenever I have the chance I go to A, it's much better than staying at home; I doubt if I will go and see them more than once a month when I am married; <u>Igri nitlaq……xbajt id-dar u r-raguni ghalfejn jiena ghandi dan il-karattru hu minhabba l-ambjent tal-qamel li ghandi mal-familja.</u> I must say that my parents gave me a very bad upbringing - with their destructive criticism and no expression of love they undermined my self – confidence – I must say that my friends and outside environment and A help me to get on "*

Illi f'dan id-djajru huwa jaghti indikazzjoni cara illi huwa jbati minn attakki ta' paniku u minn ansjeta' kbira illi tinterferixxi fil-hajja ta' kuljum tieghu u fir-relazzoni tieghu ma' terzi. Huwa jsemmi ismijiet ta' psikjatri u tobba, fosthom Dr. Attard u Dr. Vella Baldacchino u jsemmi ukoll il-pilloli li kien jiehu, fosthom ix-Xenax. Insibu frazijiet kontinwi, kwazi kull gurnata jikteb l-istess kliem bhal *"I don't care what people think about me; I shouldn't think too much what people say! I must accept my attacks and overpower them since my body is mine."*

Illi f'pagna sittax ta' dana id-djarju insibu silta illi fiha l-konvenut jirrealizza 'l ghaliex skond hu jbati minn attakki ta' paniku u cjoe' minhabba l-genituri tieghu u l-esperjenzi li ghadda minnhom matul hajtu. Pero' huwa jsemmi ukoll illi biz-zwieg huwa ser jehles mill-genituri tieghu u b'hekk

jehles ukoll mill-problemi ta' ansjeta': *"I am soon getting rid of my parents so I need not panic or block myself."* Huwa jghid ukoll f'parti ohra tad-djarju: *"I am already getting better, I will cure when I am married."* Jigifieri l-isperanza tieghu kienet f'dak il-mument illi huwa jkun fieq minn dina l-ansjeta' meta jkun telaq mid-dar u wara li jkun izzewweg. F'sens kuntrarju wiehed jista' jghid ghalhekk illi fil-mument taz-zwieg huwa ma' kienx ghadu fieq minn dina l-kundizzjoni.

Illi fir-rigward tar-relazzjoni tieghu ma' A, f'dan id-djarju insibu illi fid-19 ta' Settembru 1996 huwa kien kellem lill-attrici dwar il-fatt illi huwa kien qieghed jiehu l-pilloli, pero' ma' jsemmi xejn dwar jekk kienx effettivament kellimha dwar il-kundizzjoni mentali tieghu. Huwa jsemmi ukoll f'pagna 11 tal-istess djarju illi:-

*"I must learn not to hurt her so much. I must learn not to see so red at times. I love A a lot and she does not deserve me and I must not do brutti figuri infront of her parents…that's bad….so I will be nice to them as I always am. That will surely help her! But this is not some plan, it is what should really be, what is good. I am not trying to trick her into marriage. Anyway that would be a high price to pay for what I own."*

Illi l-Avukat Leslie Cuschieri esebixxa zewg *e-mails* Dok. "LC1" – "LC2" fejn fl-*e-mail* tieghu tal-21 ta' Ottubru 2003 Dok. "LC1" il-konvenut jikkonferma illi huwa kien jsofri minn attakki ta' paniku u li kien taht kura ghal xi zmien pero' jghid ukoll illi l-attrici kienet taf b'danakollu minn qabel iz-zwieg. Imbaghad fl-*e-mail* tat-18 ta' Ottubru 2003 Dok. "LC2" il-konvenut jsemmi ir-raguni 'l ghaliex telaq lill-attrici u cjoe' ghaliex hija eskludiet it-tfal miz-zwieg. *Tramite* l-avukat tieghu, il-konvenut esebixxa wkoll certifikat tad-divorzju u tat-twelid taz-zewgt itfal tieghu illi twieldu minn relazzjoni ohra illi kellu wara illi huwa telaq minn Malta.

**<u>II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-attrici qieghda titlob fic-citazzjoni odjerna li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null *a tenur* tal-**Artikolu 19 (1) (a), (c) u (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l**-Artikolu 19 (1) (a)** jirreferi ghall-kaz fejn *"il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet jkun inkiseb bi vjolenza, sew fisika sew morali jew biza."* Hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ghalkemm omm l-esponenti, fl-affidavit taghha, taghti indikazzjoni illi hija kienet thobbu hafna lill-konvenut u kienet tarah bhala *"guvni perfett"* ghal bintha u anke' kienet naqset milli taghti widen ghal dak li gieli pprovat tghidilha l-attrici dwar il-komportament tal-konvenut fil-konfront taghha u tghid ukoll illi ghamlitilha *"xi pressjoni biex tizzewgu"* ma' jirrizultax ili l-attrici kienet b'xi mod imgeghlha illi tizzewweg lill-konvenut. Hawn il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit legali.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c),** il-Qorti hija tal-fehma illi lanqas dan l-artikolu ma' gie ipprovat u dan peress illi l-attrici stess tirrileva illi l-konvenut kien infurmaha illi huwa kien jiehu l-pilloli u kien anke' mar ghand il-Psikjatra Abraham Galea u *in oltre* fid-djarju esebiet mill-istess attrici insibu illi l-konvenut kien svela dan il-fatt lill-attrici. Ghalhekk, il-kunsens tal-attrici ma' setax inkiseb b'qerq dwar dina l-kwalita' tal-konvenut. Mill-provi migbura, jidher illi l-attrici ma' kinitx konxja tal-riperkussjonijiet ta' tali kundizzjoni, ossija l-ansjeta kbira li wasslet ghal *personality disorder* fil-konvenut, pero' li setghet facilment tindaga fuqha qabel iz-zwieg.

Illi issa l-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex tezamina **l-artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi :-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologiku serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi b'referenza ghal dan is-sub-artikolu fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella Flores et.**

**noe**." (Cit. Nru. 2443/97 RCP; Prim'Awla, 18 ta' Jannar 2000) insibu definizzjoni tal-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju moghtija minn ***Viladrich*** **("Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"):**

*"The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love".*

Illi minn gurisprudenza kostanti  jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa *sui generis* u ta' ordni pubbliku.  Il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrekjedi r-rabta taz-zwieg.

Illi ghalhekk meta ghal xi raguni jew ohra l-kunsens ma' jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu. Madanakollu, wiehed jinnota illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma' jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg. Izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent u kif ukoll fil-futur.

 Illi fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle qabel Mamo vs B Mamo**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 gie ritenut illi:-

*"Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma' hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni, anqas ma' jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljati hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."*

*In oltre*, il-partijiet jrid jkollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-emozzjonijiet u s-

sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi tkun b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti ezaminat id-definizzjoni moghtija minn ***Bersini*** ta' diskrezzjoni ta' gudizzju:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva….. La maturita di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto di compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della liberta' scelta interiore… Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculattivamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e necessaria la maturita' di giudizzio capace di ponderare in concerto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezzione non tanto per l'atto in se', al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zweig, fosthom il-fedelta' u l-fiducja, l-permanenza taz-zwieg u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe' dawk l-obbligazzjonijet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma' tistax issehh. Ghalhekk dan jfisser illi l-partijiet jrid jkollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul l-hajja matrimonjali taghhom.

Illi l-legislatur jirrekjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jkun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja pero' mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku izda inkapacita psikika ossija li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens "**Jacqueline Cousin vs Bernard Simler**"; P.A. 3 ta' Gunju 1998; "**Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar**"; P.A. 19 ta' Ottubru 1998). Illi ghalhekk il-ligi taghna bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** f'kaz ta' difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja tirrekjedi mhux semplici diffikulta izda impossibilita li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg .

Illi mill-provi migbura jirrizulta ampjament illi l-konvenut kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg kien ibati minn ansjeta' kbira u attakki ta' paniku illi kienu jinterferixxu fir-relazzjonijiet tieghu ma' terzi. Il-konvenut stess, *tramite* d-djajru tieghu, jammetti illi huwa kellu *personality disorder* u kien qieghed taht kura ta' pilloli sabiex jikkontrolla l-ansjeta' kbira li kien qed jbati minnha. Huwa jikteb ukoll f'dan id-djajru illi sakemm kien ser jibqa' jghix fid-dar tal-genituri tieghu huwa ma' kienx ser jfiq minn dina l-kundizzjoni. Huwa ghalhekk dejjem kien jispera illi jfiq meta jizzewweg lill-attrici. Tela' ukoll jixhed il-psikjatra Dr. John Saliba fejn irrizulta illi sa minn mindu l-konvenut kellu sittax-il sena huwa kien jbati mill-ansjeta' u kien dejjem baqa' jiehu l-kura. Huwa fid-djarju tieghu jghid illi jixtieq illi ma' jkomplix jwegga' lill-attrici minhabba l-problema illi ghandu. Jigifieri certament illi dina l-kundizzjoni kienet qieghda taffettwa ir-relazzjoni tieghu mal-attrici kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Bernardette Cilia, gja Zammit Cilia vs B Zammit"** deciza fis-26 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru.1496/2001RCP) gie spjegat illi:

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality."*

Illi a propositu l-attrici tixhed:

*"Illi ftit qabel iz-zwieg hu qalli li jiehu xi pilloli, xi tip ta' kalmanti, kien qalli li mar ghand Abraham Galea ghamel hames minuti u tah il-kalmanti. Jiena ma' ftaht qalbi ma' hadd dwar dan. Meta qalli kelli kollox lest ghat-tieg."*

Hija tixhed ukoll illi l-kundizzjoni li kellu ma' kontx tinduna li kellu xi haga ghaliex kien jkun jidher kalm minn barra pero' minn gewwa kien jkun different. Jidher illi l-attrici ma' tatx l-importanza kollha mehtiega ghal tali kundizzjoni u dan peress illi skond hi l-konvenut kien juri wicc b'iehor.

Illi bhala rizultat tal-ambjent familjari tieghu, l-konvenut kien qieghed jsofri minn ansjeta' kbira illi kienet qieghda tikkrea konfuzjoni mentali u kien konxju tal-fatt illi l-ahjar kura ghalih kien illi jallontana ruhu mill-genituri tieghu. In fatti, jammetti huwa stess u jikkonfermaw ix-xhieda prodotti mill-attrici illi kienet l-impressjoni taghhom illi l-konvenut kien jidher mghaggel biex jizzewweg u donnu ried jakkwista l-liberta' biz-zwieg.

Illi wara iz-zwieg tal-kontendenti, il-konvenut beda juri aktar tracci tal-karattru instabbli tieghu w infatti ftit wara z-zwieg huwa biddel il-generu tax-xoghol tieghu u minn ghalliem fi skola tas-subien huwa beda jahdem fuq il-*computers* u sahansitra beda jossessjona ruhu illi jmur jahdem barra minn Malta meta kien jaf bizzejjed illi l-attrici ma' kinitx lesta tmur mieghu. L-attrici tixhed illi meta fl-ewwel sena anniversarju hija marret izzur lill-konvenut gewwa l-Isle of Man hija kienet diga' bdiet tissuspetta illi kellu relazzjoni ma' terza persuna u in fatti ftit wara l-konvenut kien ammetta illi kien beda realzzjoni ma' mara ohra.

Illi l-uniku raguni 'l ghaliex qieghed jallega l-konvenut illi huwa telaq lill-attrici kien il-fatt illi l-attrici eskludiet it-tfal waqt iz-zwieg. Illi mill-provi migbura jirrizluta illi ftit wara z-zwieg, il-konvenut biddel ix-xoghol tieghu, l-attrici bdiet tahdem aktar sieghat twal fuq ix-xoghol minhabba tibdil fil-kumpanija illi kienet tahdem fiha u l-konvenut beda

jahdem barra minn Malta. *Nonostante* dina l-instabilita' li kienu jinsabu fiha u *nonostante* l-fatt illi huma kienu ftehmu illi jistennew sentejn sakemm jkunu finanzjarjament stabbli, l-konvenut xorta donnu baqa' jinsisti illi jrid it-tfal u dan fl-istess perjodu illi huwa kien qieghed f'relazzjoni ma' terza persuna gewwa l-Isle of Man. Ir-raguni 'l ghaliex huwa telaq minn Malta kien skond l-attrici minhabba dina r-relazzjoni gdida illi kellu. Pero' gie rilevat *in oltre* illi l-konvenut kien minn qabel iz-zwieg jghid lill-familjari tieghu illi jixtieq jmur jghix barra minn Malta, liema fatt qatt ma' gie zvelat lill-attrici qabel iz-zwieg. Il-konvenut stess jikteb fl-*e-mails* tieghu illi ghandu mara ohra u ghandu zewgt itfal minn dina ir-relazzjoni. Apparti mill-kwistjoni tat-tfal, ma' ngabet l-ebda prova ohra fil-konfront tal-attrici.

Illi ghalhekk skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-attrici giet ippruvata.

Illi ghalhekk mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tal-attrici *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandha tigi milqugha, u z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Gunju 1997 ghandu jigi dikjarat null u bla effett.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet fid-29 ta' Gunju 1997 huwa null u bla ebda effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

Illi l-Qorti minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz tordna id-divjet tal-pubbikazzjoni tal-ismijiet tal-kontendenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------